# ID-DAWL

DIĊEMBRU 2021 WWW.AHMADIYYA.MT NUMRU 48

"Il-prinċipju li nħaddnu huwa dak li għandna l-ġenerożità f'qalbna għall-umanità kollha."



L-Umanità | Naqdu lil Ħaddieħor | Għotja ta' Rigali | Il-Familja

F'Isem Alla, Mimli Grazzji, Dejjem Ħanin

**Editorjal**

# L-UMANITÀ

***Imam Laiq Ahmed Atif***
*President Ahmadiyya Muslim Jamaat Malta*

Il-Komunità Ahmadiyya Musulmana hija organizzazzjoni reliġjuża internazzjonali b'fergħat f'aktar minn 210 pajjiż. Din hija denominazzjoni moderna, b'membri internazzjonali li jgħoddu l-miljuni.

Din il-Komunità li waqqaf Ħażrat Mirża Ghulam Aħmad, il-paċi tkun miegħu, hija magħmula mill-messaġġ benevolenti tal-Iżlam – paċi, fraternità universali u dedikazzjoni għar-Rieda ta' Alla u s-servizz għall-umanità.

Il-Komunità Ahmadiyya temmen ħafna fl-imħabba u l-kompassjoni, għalhekk hi temmen bis-sħiħ u tipprattika l-motto tagħha: **"Imħabba Għal Kulħadd, Mibegħda Għal Ħadd"**.

L-Iżlam jistqarr li s-servizz lejn l-umanità hu parti mill-fidi. L-Iżlam, bħala reliġjon, jenfasizza ħafna fuq din il-filosofija li tagħti minflok tieħu xi ħaġa, li taqdi lil ħaddieħor minflok li tinqeda.


## ID-DAWL

Diċembru 2021 – Numru 48 – Pubblikazzjoni ta'
**AHMADIYYA MUSLIM JAMAAT MALTA**
**Mob:** 79 655 255 | **Tel:** 21 655 255
**Email:** amjmalta@gmail.com
**www.ahmadiyya.mt**


## INDEX


Humanity 02
Serving Others 03
Human Excellence 04
Festive Gifts 05
Family 08



**www.ahmadiyya.mt/id-dawl** **Il-Qoxra:** Gulnar Sarkhanli | Shutterstock
**Indirizz:** Ahmadiyya Library & Office - 30 Triq Turu Rizzo, Gżira

# NAQDU LIL ĦADDIEĦOR

L-enfasi fl-Iżlam huwa li inti tieħu s-sodisfazzjon billi tkun ta' servizz għal ħaddieħor u mhux viċiversa.

Il-parti li jmiss meħuda minn vers mill-Koran Imqaddes proprju twassal dan il-messaġġ:

> **Inti tkun mill-aħjar nies meta tkun ta' servizz għall-oħrajn u tittella' għall-fejda tal-umanità; inti tamar it-tajjeb, u tevita l-ħażin u temmen f'Alla.** (3:111)

Dan juri li Musulman ma jingħatax preċedenza fuq ħaddieħor b'mod despotiku. Billi wieħed ikun Musulman ma jfissirx li jkun aħjar minn ħaddieħor b'mod awtomatiku.

Wieħed irid jistinka għal dan it-titlu billi jkun ta' servizz għal ħaddieħor ħalli l-pjaċiri jgħaddu minn proxxmu għal ieħor.

Fid-definizzjoni tal-kelma *khair*, li tfisser kemm aħjar u l-aħjar, il-Qaddis Profeta Muħammad[sa] darba qal:

> **L-id ta' fuq hija aħjar mill-id t'isfel: l-id ta' fuq tagħti u tonfoq, l-id t'isfel tittallab u tirċievi.**

Fil-Koran Imqaddes u fit-taħdit tal-Qaddis Profeta Muħammad[sa] dan l-aspett tant hemm aċċenn għalih li xi Kumpanni tal-Qaddis Profeta[sa] ħolqu livelli ġodda u nobbli f'dan il-qasam ta' eċċellenza umana.

Mhux biss ħabirku biex ikunu ta' servizz għall-oħrajn imma għamlu ħilithom biex ma jirċevux u ma jitolbux favuri min-nies.

# EĊĊELLENZA UMANA

'Auf Ibn Malik Ashja'i jirrakkonta: Sebgħa, tmienja jew disgħa minna konna darba waħda mal-Qaddis Profeta Muħammad[sa] meta qal: Ma tagħmlux intom patt mal-Messaġġier[sa] ta' Alla?

Aħna konna għadna kif għamilna l-patt tagħna. Għalhekk għednielu: Aħna għamilna l-patt tagħna miegħek, Messaġġier[sa] ta' Alla. Il-Qaddis Profeta Muħammad[sa] reġa' staqsa l-istess mistoqsija u aħna weġibna bl-istess mod u żidna: Liema ftehim għandna nagħmlu miegħek issa? Huwa wieġeb:

> **Li intom tqimu 'l Alla, u ma tqabblu xejn miegħu, li kuljum tosservaw il-ħames talbiet obbligatorji, li tobdu 'l Alla, u li ma titolbu xejn lil ħadd.**

Imbagħad indunajt li jekk taqa' frosta minn id xi wieħed minnhom, huwa ma kien jgħid lil ħadd biex jiġborhielu.

L-aċċenn fuq is-servizz mhux biss approċ iebes u bla ħeġġa, iżda attentat biex jiġu rfinuti l-attitudnijiet tal-bniedem u li titnissel fih ħajra għal valuri aktar sofistikati.

Hekk kif jiġu żviluppati attitudnijiet aktar irfinuti, il-bnedmin jistgħu jiġu mħarrġa biex jieħdu gost ikunu ta' servizz għall-oħrajn aktar milli jkunu biss reċipjenti tal-favuri u li jingħataw huma servizz mingħand ħaddieħor.

**Nofs il-fidi huwa s-servizz lejn il-ħolqien ta' Alla. Il-prinċipju fl-Iżlam jidher li għemil ta' tjubija huwa premju fih innifsu.** Imur lil hinn mir-renju tal-argument; dan jista' jiġi biss esperjenzat.[(i)]

---

(i) *Islam's Response to Contemporary Issues*, p. 259-260

# GĦOTJA TA' RIGALI

Diċembru huwa ż-żmien fejn nistgħu nuru solidarjetà, nestendu id ta' ħbiberija u naqdu lill-bnedmin ta' madwarna. Bħas-snin preċedenti, filwaqt li żammet f'moħħha dan ir-ritwal ta' solidarjetà, il-Komunità Ahmadiyya Musulmana reġgħet qasmet xi rigali ma' nies fil-komunitajiet tagħna. Il-Komunità Ahmadiyya hija attiva ħafna u dejjem lesta biex toffri l-għajnuna tagħha kull meta hemm bżonn. F'Diċembru ppreżentat iktar minn 450 panettone u rigali tal-festi fi djar differenti.



# ANGELA HOUSE

Il-Komunità Ahmadiyya Musulmana Malta żaret Angela House, il-Pietà, u ppreżentat xi sebgħin panettone tal-festi għat-tfal, l-istaff u r-residenti ta' din id-dar. Dawn il-kejkijiet tradizzjonali ġew ippreżentati lill-Madre Superjura Sr Magdalene Cauchi mill-Imam Laiq Ahmed Atif, president tal-Komunità Ahmadiyya u membri tal-komunità.

# KOMUNITÀ SANTA MARIJA




Il-Komunità Ahmadiyya Musulmana Malta żaret lill-Komunità Santa Marija, iċ-ċentru ta' riabilitazzjoni tas-Sedqa f'Ħal Farruġ, u ppreżentat mitt panettone tal-festi u magna tal-kafè għar-residenti li għaddejjin mill-programm ta' riabilitazzjoni.

# NANNIET MALTA




L-Iżlam bħala reliġjon jagħti importanza kbira lir-rispett lejn il-ġenituri u l-anzjani fis-soċjetajiet tagħna. Alla jgħid fil-Koran Imqaddes: **"U aħna amarna lill-bniedem biex ikun ħanin mal-ġenituri tiegħu."** Għalhekk, il-Komunità ppreżentat sebgħin kejk tradizzjonali għall-anzjani li ġew ippreżentati lill-President u l-Fundatur ta' Nanniet Malta.

# TAL-IBWAR, CARITAS MALTA



Il-President u l-membri tal-Komunità Ahmadiyya żaru lir-residenti li jinsabu Caritas Malta, Tal-Ibwar – Ċentru Terapewtiku għall-Adolexxenti u ferraħhom b'diversi panettone tal-festi u ppreżentalhom ukoll magna tal-kafè. Waqt iż-żjara tiegħu kien milqugħ mid-Direttur ta' Caritas Malta, is-Sur Anthony Gatt, il-Clinical Coordinator Tal-Ibwar, Dr Daniel Mercieca, u uffiċjali oħra, li rringrazzjaw lill-Komunità Ahmadiyya Musulmana għall-ħsibijiet, l-appoġġ kontinwu u l-ħbiberija tagħhom.

# PUTTINU CARES




Il-Komunità Ahmadiyya żaret Rainbow Ward, Puttinu Cares, u ppreżentat xi sebgħin panettone tal-festi għat-tfal u l-istaff. Dawn il-kejkijiet tradizzjonali ġew ippreżentati lis-Sur Rennie Zerafa, CEO, u s-Sinjura Angele Cuschieri.

# IL-FAMILJA

Id-djar u l-familji tagħna għandhom irwol importanti ħafna fil-formazzjoni tas-soċjetajiet tagħna. Għalhekk, evidenti li jekk aħna rridu l-pajjiż b'saħħtu u n-nazzjon magħqud, allura huwa importanti li nsaħħu l-familji tagħna, insaħħu r-rabtiet tagħna mal-membri tal-familja tagħna, mat-tfal tagħna, mal-ġenituri tagħna, kif ukoll mal-qraba. Nistabbilixxu l-ambjent tal-imħabba, il-kompassjoni u l-għaqda fi ħdan il-familji u fid-djar tagħna. Għandna noħolqu bilanċ bejn ix-xogħol u l-familja; u m'għandniex nikkompromettu l-ħajja tal-familja tagħna għall-benefiċċji tad-dinja. Għalhekk għandna biex insaħħu l-familji tagħna u nagħmlu kull sforz biex djarna jsiru kenn ta' paċi, imħabba u kompassjoni.

Nemmen li, l-ewwel u qabel kollox, huwa importanti li dawn ir-relazzjonijiet ikunu mibnija fuq it-tjieba, il-pjetà, il-verità u l-imħabba ta' Alla. L-Iżlam tana tagħlim sabiħ biex insaħħu r-relazzjonijiet familjari tagħna u nistabbilixxu ambjent ta' mħabba u affezzjoni fid-djar tagħna. Alla jgħid li meta l-koppji jiżżewġu għandhom dejjem jimxu mal-verità u jsiru ġusti. Jekk il-koppja tiddeċiedi li dejjem se żżomm l-imħabba ta' Alla ġo qalbhom u jgħinu lil xulxin b'responsabbiltà sħiħa dan se jsaħħaħ ir-relazzjonijiet tagħhom.

Id-djalogu kostruttiv u effettiv huwa pedament ta' dan il-proċess; għandu jkun hemm djalogu kontinwu bejn il-familja, u kull kwistjoni għandha tiġi indirizzata b'diskussjoni u b'konsultazzjoni reċiproka. Nixtieq nikteb it-talba sabiħa ħafna li Alla għallimna fil-Koran Imqaddes dwar il-familja, nemmen li din it-talba hija profonda ħafna u għandna biex naqraw din it-talba kuljum sabiex il-familji tagħna jissaħħu. **"O Mulej tagħna, agħmel li n-nisa tagħna u wliedna jkunu l-għaxqa ta' għajnejna, u agħmilna mudell xieraq għall-ġusti"** (25:75). Ammen.

**IMĦABBA GĦAL KULĦADD - MIBEGĦDA GĦAL ĦADD**

**"ID-DAWL"** (The Light) is a Maltese magazine published
by the Ahmadiyya Muslim Jamaat Malta.

amjmalta@gmail.com
**www.ahmadiyya.mt**